Index Number:________________ ĊES25/1.24m-SEC25/1.24m

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
MATRICULATION AND SECONDARY EDUCATION CERTIFICATE
EXAMINATIONS BOARD

L-Università ta' Malta

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SECONDARY EDUCATION CERTIFICATE LEVEL**
**SESSJONI PRINĊIPALI 2024/2024 MAIN SESSION**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT/SUBJECT: | **IT-TAGĦLIM RELIĠJUŻ/RELIGIOUS KNOWLEDGE** |
| KARTA NUMRU/PAPER NUMBER: | I |
| DATA/DATE: | 25 ta' Mejju 2024/25th May 2024 |
| ĦIN/TIME: | mid-9:00 a.m. sal-11:05 a.m./9:00 a.m. to 11:05 a.m. |

Din il-karta għandha 40% tal-marki kollha tal-eżami.
Sezzjoni A: Wieġeb dawn il-mistoqsijiet **KOLLHA.** Tista' twieġeb bil-Malti **JEW** bl-Ingliż. Il-marki jidhru wara kull mistoqsija. Din is-sezzjoni għandha 50 marka.
This paper carries 40% of the global marks of the exam.
Section A: Answer **ALL** the following questions. You can answer **EITHER** in Maltese **OR** in English. The marks are indicated at the end of each question. This section carries 50 marks.

1. Iż-żgħażagħ Insara, fejn jistgħu jsibu tweġiba għall-mistoqsijiet il-kbar tal-ħajja?
   Where can young Christians find an answer to the big questions of life?

______________________________________________

______________________________________________ (2)

2. X'inhi t-tema tad-dokument Nostra Aetate?
   What is the theme of the document Nostra Aetate?

______________________________________________

______________________________________________ (2)

3. Agħti l-isem tal-**ERBA'** evanġelisti li nsibu fil-bidu tat-Testment il-Ġdid.
   Name the **FOUR** evangelists found at the beginning of the New Testament.

i. ______________________________________________ (½)

ii. ______________________________________________ (½)

iii. ______________________________________________ (½)

iv. ______________________________________________ (½)

4. X'jissejjaħ il-ktieb sagru:
   What is the name of the sacred book:
   (a) tal-Insara?
   (a) of the Christians?

______________________________________________ (1)

***Jekk jogħġbok aqleb wara / Please turn the page.***

© The MATSEC Examinations Board reserves all rights on the examination questions in all examination papers set by the said Board.

(b) tal-Musulmani?
(b) of the Muslims?

______________________________________________ (1)

5. X'differenza hemm bejn l-ateiżmu u l-monoteiżmu?
What is the difference between atheism and monotheism?

______________________________________________

______________________________________________ (2)

6. Il-ħruġ mill-Eġittu kienet ġrajja ewlenija fil-Pjan tas-Salvazzjoni. Semmi **ŻEWĠ** ġrajjiet ewlenin oħra mit-Testment il-Qadim li fihom Alla kompla b'dan il-Pjan.
The exodus from Egypt was a major event in the Plan of Salvation. Name **TWO** other major events from the Old Testament in which God continued with this Plan.

i. ______________________________________________ (1)

ii. ______________________________________________ (1)

7. X'kien l-irwol ewlieni tal-profeti fit-Testment il-Qadim?
What was the main role of the prophets in the Old Testament?

______________________________________________

______________________________________________ (2)

8. (a) X'inhu d-dnub oriġinali?
(a) What is the original sin?

______________________________________________ (1)

(b) Kif jinħafer id-dnub oriġinali?
(b) How is the original sin forgiven?

______________________________________________ (1)

9. Ikteb messaġġ li nieħdu mir-rakkont tal-Ħolqien dwar:
Write a message we receive from the Creation narrative about:
(a) Alla;
(a) God;

______________________________________________ (1)

(b) il-bniedem.
(b) the human being.

______________________________________________ (1)

TIKTIBX F'DAN L-ISPAZJU
*DO NOT WRITE IN THIS SPACE*

10. Fir-Rakkont tal-Ħolqien, x'tifsiriet ried jagħti l-awtur sagru b'dawn il-frażijiet?
In the Story of Creation, what meanings did the sacred author want to convey with these phrases?
(a) "il-mara li inti tajtni għal miegħi, hi tatni mis-siġra u jiena kilt." *(Ġen. 3, 12)*;
(a) "it was the woman you put with me; she gave me some fruit from the tree, and I ate it." *(Gen. 3, 12)*;

______________________________ (1)

(b) "keċċieh 'il barra mill-Ġnien tal-Eden." *(Ġen. 3, 23)*.
(b) "banished him from the Garden of Eden." *(Gen. 3, 23)*.

______________________________ (1)

11. Liema patt għamel Alla mal-poplu tiegħu fi żmien Mosè?
What covenant did God make with his people at Moses' time?

______________________________

______________________________ (2)

12. Id-deċiżjoni li għandna nieħdu dwar Ġesù f'ħajjitna hija li għandna niftħu qalbna għall-imħabba ta' Alla u li din l-imħabba twassalna biex inħobbu lill-oħrajn. Agħti **ŻEWĠ** eżempji dwar kif persuna għandha tħobb lill-oħrajn.
The decision we should make about Jesus in our lives is that we should open our hearts to God's love and that this love leads us to love others. Give **TWO** examples of how a person should love others.

i. ______________________________ (1)

ii. ______________________________ (1)

13. Għaliex l-Insara jemmnu li d-deċiżjoni li nilqgħu jew ma nilqgħux lil Ġesù f'ħajjitna hija deċiżjoni serja?
Why do Christians believe that the decision to welcome or not welcome Jesus in our lives is a serious decision?

______________________________

______________________________ (2)

14. Semmi **ŻEWĠ** setgħat li Ġesù ta lill-Appostli u lis-suċċessuri tagħhom.
Name **TWO** authorities that Jesus gave to the Apostles and their successors.

i. ______________________________ (1)

ii. ______________________________ (1)

***Jekk jogħġbok aqleb wara / Please turn the page.***

15. X'jifhmu l-Insara meta jsejħu l-Knisja 'Il-Familja ta' Alla'?
What do Christians mean when they call the Church 'The Family of God'?

______________________________________________

______________________________________________ (2)

16. (a) Ma' liema sagrament nassoċjaw il-frażi li Ġesù qal lill-adultera "Mur, u mil-lum 'il quddiem tidnibx iżjed" (Ġw. 8, 11)?
(a) With which sacrament do we associate the phrase that Jesus addressed to the adulteress "Go now and leave your life of sin" (Jn. 8, 11)?

______________________________________________ (1)

(b) X'ried juri Ġesù meta lill-mifluġ ħafirlu qabel ma fejqu?
(b) What did Jesus want to show when he forgave the sick man before healing him?

______________________________________________ (1)

17. (a) X'jiċċelebraw l-Insara fil-jum tal-Ħadd?
(a) What do the Christians celebrate on Sunday?

______________________________________________ (1)

(b) Waqt il-quddiesa tal-Ħadd, barra mis-Salm, kemm-il silta oħra tinqara mill-Bibbja?
(b) During the Sunday mass, apart from the Psalm, how many other passages are read from the Bible?

______________________________________________ (1)

18. Xi jfisser il-kliem:
What do we mean by the words:
(a) katekumenu?
(a) cathecumen?

______________________________________________ (1)

(b) battisteru?
(b) baptistry?

______________________________________________ (1)

19. Liema **ERBA'** simboli jintużaw fis-sagrament tal-Magħmudija?
Which **FOUR** symbols are used in the sacrament of Baptism?

i. ______________________________________________ (½)

ii. ______________________________________________ (½)

iii. ______________________________________________ (½)

iv. ______________________________________________ (½)

20. Agħti **ŻEWĠ** raġunijiet għaliex Marija hija ta' mudell ta' ħajja Nisranija awtentika.
Give **TWO** reasons why Mary is a role model for an authentic Christian life.

i. ______________________________ (1)

ii. ______________________________ (1)

21. Għaliex l-Ewkaristija hi l-iktar Sagrament importanti?
Why is the Eucharist the most important Sacrament?

______________________________

______________________________ (2)

22. Hemm diversi konsiderazzjonijiet li żgħażagħ Insara għandhom iżommu quddiem għajnejhom meta jiġu biex jiddeċiedu liema xogħol għandhom jagħżlu. Semmi **TNEJN** minnhom.
There are several considerations that young Christians should keep in mind when deciding which job to choose. Name **TWO** of them.

i. ______________________________ (1)

ii. ______________________________ (1)

23. X'jiġri meta l-bnedmin ma jimxux fuq il-pjan t'Alla dwar l-ambjent?
What happens when humans do not follow God's plan for the environment?

______________________________

______________________________ (2)

24. Xi jfisser meta fil-Kredu l-Insara jlissnu "Nemmnu fil-qawma mill-imwiet"?
What does it mean when Christians in the Creed say "We believe in the resurrection from the dead"?

______________________________

______________________________ (2)

25. Illum irid ikollna gwida biex id-deċiżjonijiet li nieħdu, neħduhom skont l-ispirtu ta' Kristu. Din il-gwida, f'idejn min ħallieha Ġesù?
Today we must have a guide so that the decisions we take, will be taken according to the spirit of Christ. In whose hands did Jesus leave this guide?

______________________________

______________________________ (2)

**(Total: 50 marka) (Total: 50 marks)**

***Jekk jogħġbok aqleb wara / Please turn the page.***

Sezzjoni B: Wieġeb dawn il-**ĦAMES** mistoqsijiet billi tikteb paragrafu fuq **kull** waħda. Tista' twieġeb bil-Malti **JEW** bl-Ingliż. Il-marki jidhru wara kull mistoqsija. Din is-sezzjoni għandha 25 marka.
Section B: From this section, answer **FIVE** questions by writing a paragraph on **each** one. You can answer **EITHER** in Maltese **OR** in English. The marks are indicated at the end of each question. This section carries 25 marks.

1. X'jifhmu meta l-Insara jirreferu għall-kittieba tal-Bibbja bħala vera awturi?
   What do Christians mean when they refer to the writers of the Bible as true authors?

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________ (5)

2. Ġesù kiel u xorob mal-pubblikani u l-midinbin. X'messaġġ ried iwassal Ġesù b'din l-imġiba?
   Jesus ate and drank with publicans and sinners. What message did Jesus want to convey with this behaviour?

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________ (5)

3. Semmi **ŻEWĠ** ġrajjiet li għaddiet minnhom Marija u ikteb x'riedet tgħallimna b'**kull** ġrajja.
Name **TWO** episodes that Mary experienced and write about what she wanted to teach us by **each** one.

(5)

4. Il-ħajja hija rigal mogħti lilna minn Alla. Għalhekk, għandna dmir li nibżgħu għaliha. Ikteb dwar **ŻEWĠ** azzjonijiet li jmorru kontra l-ħajja.
Life is a gift given to us by God. Therefore, we have a duty to protect it. Write about **TWO** actions that go against life.

(5)

5. Irrakonta l-ġrajja ta' Pentekoste.
Recount the story of Pentecost.

(5)

**(Total: 25 marka) (Total: 25 marks)**

***Jekk jogħġbok aqleb wara / Please turn the page.***

Sezzjoni Ċ: Aqra sew dawn is-siltiet u wieġeb il-mistoqsijiet **KOLLHA** li jsegwuhom. Tista' twieġeb bil-Malti **JEW** bl-Ingliż. Il-marki jidhru wara kull mistoqsija. Din is-sezzjoni għandha 25 marka.
Section C: Read these texts carefully and answer **ALL** the questions that follow. You can answer **EITHER** in Maltese **OR** in English. The marks are indicated at the end of each question. This section carries 25 marks.

**1. Is-Sagrament tal-Griżma tal-Morda**

"Jien hu l-qawmien u l-ħajja. Kull min jemmen fija, ukoll jekk imut, jgħix u kull min jgħix u jemmen fija, dan ma jmut qatt. Temmnu inti dan?" (Ġw. 11, 25-26). Ġesù jagħmel din il-mistoqsija lil Marta, oħt Lazzru u Marija, tlieta mill-ħbieb intimi ta' Ġesù.

Lil Ġesù waslitlu l-aħbar li l-ħabib tiegħu Lazzru marid: "Mulej, ara ħabibek marid" (Ġw. 1, 3). Il-mard ipoġġina wiċċ imb wiċċ mal-fraġilità tagħna u wkoll mal-misteru tal-mewt tagħna. Il-marid spiss jgħaddi minn mumenti ta' umiljazzjoni kbira, donnu dak kollu li ħabb u li għożż jibda jċedi u jitbiegħed minnu. Il-Knisja takkumpanja lill-morda bis-sagrament tad-Dilka tal-Morda. U meta jasal il-mument tal-mewt, il-faraġ tal-Knisja jieħu l-forma ta' dak li nsejħulu l-Vjatku li huwa s-sagrament tad-Dilka tal-Morda msieħeb mal-Ewkaristija li tingħata lil min ikun qed joqrob lejn l-aħħar mumenti tal-ħajja tiegħu fuq din l-art bħala l-Ikla Qaddisa għall-vjaġġ li jwassal fl-eternità.

*(Ittra Pastorali għar-Randan 2023, miktuba mill-Arċisqof Charles J. Scicluna)*

**The Sacrament of the Anointing of the Sick**

"I am the resurrection and the life. Those who believe in me, even though they die, will live, and everyone who lives and believes in me will never die. Do you believe this?" (Jn. 11, 25-26). Jesus poses this question to Martha, sister to Lazarus and Mary, three of Jesus's closest friends.

Jesus receives the bad news about Lazarus's health: "Lord, your friend is sick." (Jn. 11, 3). Sickness brings us face to face with our own vulnerability and the mystery of our death. The sick often endure moments of great humiliation, as all they have loved and cherished begins to yield and drift away. The Church accompanies them at this trying time with the sacrament of the Anointing of the Sick. When death is upon us, the Church offers comfort through what we call the Viaticum, which is the sacrament of Anointing of the Sick accompanied by the Holy Eucharist given to those approaching the last moments of their life on earth as sacred nourishment for the journey that leads to eternity.

*(Pastoral Letter for Lent 2023, written by the Archbishop Charles J. Scicluna)*

(a) i. "Jien hu l-qawmien u l-ħajja. Kull min jemmen fija, ukoll jekk imut, jgħix u kull min jgħix u jemmen fija, dan ma jmut qatt. Temmnu inti dan?" Ġesù, lil min għamilha din il-mistoqsija?
(a) i. "I am the resurrection and the life. Those who believe in me, even though they die, will live, and everyone who lives and believes in me will never die. Do you believe this?" Jesus, to whom did he ask this question?

________________________________________________ (1)

ii. Għalfejn Ġesu fejjaq lil min kien marid?
ii. Why did Jesus heal the sick?

______________________________________________

______________________________________________ (2)

(b) Għaliex il-Knisja tamministra s-Sagrament tal-Griżma tal-Morda?
(b) Why does the Church administer the Sacrament of the Anointing of the Sick?

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________ (3)

(c) Fis-silta jissemma li l-mard ipoġġina f'**ŻEWĠ** sitwazzjonijiet partikolari. Liema huma?
(c) The passage states that illness puts us in **TWO** particular situations. Which are they?

i. ______________________________________________ (1½)

ii. ______________________________________________ (1½)

(d) Fis-Sagrament tal-Griżma tal-Morda, is-saċerdot jidlek lill-marid biż-żejt bħala dak l-element li jagħti s-saħħa. F'liema **ŻEWĠ** sagramenti oħra jintuża (s-simbolu) taż-żejt?
(d) In the Sacrament of Anointing of the Sick, the priest anoints the sick with oil as that element that gives health. In which **TWO** other sacraments is (the symbol) oil used?

i. ______________________________________________ (1½)

ii. ______________________________________________ (1½)

(e) Min jista' jamministra s-Sagrament tal-Griżma tal-morda?
(e) Who can administer the Sacrament of the Anointing of the sick?

______________________________________________ (3)

**(Total: 15 marka) (Total: 15 marks)**

***Jekk jogħġbok aqleb wara / Please turn the page.***

**2. Ġesù Jidher lid-Dixxipli Tiegħu**

"Dakinhar filgħaxija, fl-ewwel jum tal-ġimgħa, meta d-dixxipli kienu flimkien imbeżżgħa mil-Lhud, bil-bibien magħluqa, ġie Ġesù u qagħad f'nofshom, u qalilhom: "Is-sliem għalikom!" Kif qal hekk, uriehom idejh u ġenbu. Id-dixxipli ferħu meta raw lill-Mulej. Imbagħad, Ġesù tenna jgħidilhom: "Is-sliem għalikom! Kif il-Missier bagħat lili, hekk jiena nibgħat lilkom." Kif qal hekk, nefaħ fuqhom u qalilhom: "Ħudu l-Ispirtu s-Santu: Dawk li taħfrulhom dnubiethom ikunu maħfura, u dawk li żżommuhomlhom, ikunu miżmuma."
Tumas, wieħed mit-tnax, li kienu jgħidulu t-Tewmi, ma kienx magħhom meta ġie Ġesù. Għalhekk, id-dixxipli l-oħra qalulu: "Rajna lill-Mulej!" Imma hu qalilhom: "Jekk ma narax f'idejh il-marka tal-imsiemer u ma nqegħedx sebgħi fuq il-marka tal-imsiemer u idi fuq ġenbu, żgur ma nemminx." U wara tmint ijiem, id-dixxipli tiegħu reġgħu kienu ġewwa, u Tumas kien magħhom. Il-bibien kienu magħluqa, imma Ġesù ġie u waqaf f'nofshom u qalilhom: "Is-sliem għalikom." Imbagħad, qal lil Tumas: "Poġġi sebgħek hawn, u ara jdejja, u ġib idek u qegħedha fuq ġenbi, u tibqax ma temminx iżda emmen." Tumas wieġeb u qallu: "Mulej tiegħi u Alla tiegħi!" Qallu Ġesù: "Emmint għax rajtni? Henjin dawk li ma jarawx u xorta jemmnu."

*(Ġw 20, 19-29)*

**Jesus Appears to his Disciples**

On the evening of that first day of the week, when the disciples were together, with the doors locked for fear of the Jewish leaders, Jesus came and stood among them. He said to them, "Peace be with you", and showed them his hands and his side. The disciples were filled with joy when they saw the Lord, and he said to them again, "Peace be with you." "As the Father sent me, so am I sending you." After saying this he breathed on them and said: "Receive the Holy Spirit. For those whose sins you forgive, they are forgiven; for those whose sins you retain, they are retained."
Thomas, called the Twin, who was one of the Twelve, was not with them when Jesus came. When the disciples said, "We have seen the Lord", he answered, "Unless I see the holes that the nails made in his hands and can put my finger into the holes they made, and unless I can put my hand into his side, I refuse to believe". Eight days later the disciples were in the house again and Thomas was with them. The doors were closed, but Jesus came in and stood among them. "Peace be with you" he said. Then he spoke to Thomas, "Put your finger here; look, here are my hands. Give me your hand; put it into my side. Doubt no longer but believe." Thomas replied, "My Lord and my God!" Jesus said to him: "You believe because you can see me. Blessed are those who have not seen and yet believe."

*(Jn. 20, 19-29)*

(a) B'liema kliem Ġesù waqqaf is-Sagrament tal-Qrar?
(a) With what words did Jesus institute the Sacrament of Confession?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2)

(b) X'kienet ir-reazzjoni tad-dixxipli meta raw lil Ġesù?
(b) What was the reaction of the disciples when they saw Jesus?

______________________________________________________________________ (2)

(c) Is-Sagrament tal-Qrar jissejjaħ b’**ŻEWĠ** ismijiet oħra. Liema huma?
(c) The Sacrament of Confession is also known by **TWO** other names. Which are they?

i. ________________________________________ (1)

ii. ________________________________________ (1)

(d) Tumas ma emminx li Ġesù rxoxta. Ikteb il-kelmiet li juru dan.
(d) Thomas did not believe that Jesus rose from the dead. Write down the words that show this.

________________________________________ (2)

(e) X’għandu jagħmel in-Nisrani biex **ma jkunux** bħal Tumas?
(e) What should the Christian do in order to **not** be like Thomas?

________________________________________ (2)

**(Total: 10 marki) (Total: 10 marks)**

Blank Page

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
MATRICULATION AND SECONDARY EDUCATION CERTIFICATE
EXAMINATIONS BOARD

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SECONDARY EDUCATION CERTIFICATE LEVEL**
**SESSJONI PRINĊIPALI 2024/2024 MAIN SESSION**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT/SUBJECT: | **IT-TAGĦLIM RELIĠJUŻ/RELIGIOUS KNOWLEDGE** |
| KARTA NUMRU/PAPER NUMBER: | IIA |
| DATA/DATE: | 25 ta' Mejju 2024/25th May 2024 |
| ĦIN/TIME: | mill-4:00 p.m. sas-6:05 p.m./4:00 p.m. to 6:05 p.m. |

Din il-karta għandha 60% tal-marki kollha tal-eżami. Tista' twieġeb bil-Malti **JEW** bl-Ingliż. Wieġeb **TLIETA** minn dawn il-ħames mistoqsijiet f'forma ta' esej. Kull mistoqsija għandha 50 marka minn total ta' 150.

This paper carries 60% of the global mark of the exam. You can answer **EITHER** in Maltese **OR** in English. Answer **THREE** of these five questions in essay form. Each question carries 50 marks out of a total of 150.

1. "Fiċ-ċentru tal-ħajja tal-poplu qaddis ta' Alla u tal-mixja tal-fidi m'hemmx aħna, bil-kliem tagħna. Fiċ-ċentru hemm Alla bil-Kelma tiegħu ... Il-Kelma tinsab fiċ-ċentru: tikxef min hu Alla u twassalna għand il-bniedem ... Il-Kelma toħroġna minna nfusna biex tqegħidna f'mixja lejn ħutna bil-qawwa umli tal-imħabba ħelliesa ta' Alla.''

*(Papa Franġisku, il-Ħadd tal-Kelma ta' Alla, 23 ta' Jannar 2022)*

"At the heart of the life of God's holy people and our journey of faith are not ourselves and our own words. At its heart is God and his word … The word is at the centre: it reveals God and leads us to man … God's word drives us to go forth from ourselves and to encounter our brothers and sisters solely with the quiet power of God's liberating love."

*(Pope Francis, the Sunday of the Word of God, 23rd January 2022)*

(a) Spjega:
(a) Explain:
- i. għaliex in-Nisrani għandu jqis il-Bibbja bħala l-Kelma ta' Alla nnifsu. (10)
- i. why should the Christian consider the Bible as the Word of God himself.
- ii. xi prinċipji għandu jżomm f'moħħu n-Nisrani meta jaqra l-Bibbja li ġiet miktuba mill-bnedmin? (18)
- ii. what principles should the Christian keep in mind when reading the Bible that was written by humans?

(b) Semmi **TLIET** personaġġi li taw is-sehem tagħhom fl-Istorja tas-Salvazzjoni u spjega s-sehem tagħhom f'din il-Mixja. (12)
(b) Name **THREE** persons who played their part in the History of Salvation and explain their role in this Path.
(ċ) Kif għandhom jersqu lejn il-Kelma ta' Alla iż-żgħażagħ Insara? (10)
(c) How should Christian youth approach the Word of God?

**(Total: 50 marka) (Total: 50 marks)**

***Jekk jogħġbok aqleb wara / Please turn the page.***

© The MATSEC Examinations Board reserves all rights on the examination questions in all examination papers set by the said Board.

2. "U issa, ara, il-karba ta' wlied Iżrael waslet s'għandi, u rajt ukoll it-tgħakkis li bih qegħdin jgħakksuhom l-Eġizzjani. Ejja, mela, ħa nibagħtek għand il-Fargħun biex toħroġ lil ulied Iżrael, il-poplu tiegħi, mill-Eġittu."

*(Eżodu 3, 9-10)*

"And now the cry of the Israelites has reached me, and I have seen the way the Egyptians are oppressing them. So now, go. I am sending you to Pharaoh to bring my people the Israelites out of Egypt."

*(Exodus 3. 9-10)*

(a) Irrakkonta s-sejħa ta' Mosè minn Alla. (10)

(a) Narrate the call of Moses by God.

(b) Spjega:

(b) Explain:

(i) għaliex Alla għamel din is-sejħa lil Mosè. (12)

(i) why did God make this call to Moses.

(ii) x'nitgħallmu mir-rakkont tas-sejħa ta' Mosè. (14)

(ii) what do we learn from the account of the call of Moses.

(ċ) Alla wettaq Patt ta' ħbiberija mal-Poplu Lhudi. Illum il-ġurnata, iż-żgħażagħ Insara, kif jistgħu jgħixu dan il-Patt? (14)

(c) God made a Covenant of friendship with the Jewish People. Nowadays, how can the Christian youth live this Covenant?

**(Total: 50 marka) (Total: 50 marks)**

3. "Iżda meta waslet il-milja taż-żmien, Alla bagħat lil Ibnu, imwieled minn mara, imwieled taħt il-Liġi, biex jifdi lil dawk li kienu taħt il-Liġi, biex ikollna l-adozzjoni ta' wlied. U għax intom ulied, Alla bagħat l-Ispirtu ta' Ibnu f'qalbna jgħajjat: Abba! Missier! U hekk m'intix iżjed ilsir, iżda iben; u jekk iben, werriet ukoll bil-grazzja ta' Alla."

*(Galatin 4, 4-7)*

"But when the set time had fully come, God sent his Son, born of a woman, born under the Law, to redeem those under the Law, that we might receive adoption to sonship. Because you are his sons, God sent the Spirit of his Son into our hearts, the Spirit who calls out, "Abba, Father." So you are no longer a slave, but God's child; and since you are his child, God has made you also an heir."

*(Galatians 4, 4-7)*

(a) Semmi kitba **WAĦDA** mhux Nisranija li turi li Ġesù tassew kien jeżisti, u spjega kif din turi tassew li Ġesù twieled fostna. (8)

(a) Name **ONE** non-Christian text that shows that Jesus really existed and explain how it shows that Jesus truly was born among us.

(b) Semmi u spjega:

(b) Mention and explain:

(i) **ŻEWĠ** kwalitajiet li kellu Ġesù li juruna li kien tassew bniedem. (16)

(i) **TWO** qualities that Jesus had that show us that he was truly human.

(ii) **ŻEWĠ** kwalitajiet li kellu Ġesù li juruna li kien tassew Alla. (16)

(ii) **TWO** qualities that Jesus had that show us that he was truly God.

(ċ) Iż-żgħażagħ Insara kif juru li jimxu wara Ġesù? (10)

(c) How do Christian youth show that they follow Jesus?

**(Total: 50 marka) (Total: 50 marks)**

4. "Fil-bidu taċ-ċerimonja (tal-Magħmudija), saritilkom (il-ġenituri) il-mistoqsija: "X'qed titolbu għal uliedkom?" U lkoll għidtu: "Il-fidi". Intom qed titolbu mill-Knisja l-fidi għal uliedkom, u llum huma se jirċievu l-Ispirtu s-Santu, u d-don tal-fidi kull wieħed u waħda fil-qalb tiegħu, fir-ruħ tiegħu. Imma din il-fidi mbagħad trid tiżviluppa, trid tikber."

*(Papa Frangisku, Festa tal-Magħmudija tal-Mulej, 13 ta' Jannar 2019)*

"At the beginning of the ceremony (of Baptism), you (the parents) were asked a question: "What do you ask for your children?" And you all said: "Faith". You ask the Church for faith for your children, and today they will receive the Holy Spirit and the gift of faith, each within their heart, within their soul. But this faith has to develop, it has to grow."

*(Pope Francis, Feast of the Baptism of the Lord, 13th January 2019)*

(a) Spjega fit-tul **TLIET** effetti li tħalli l-Magħmudija fuq min jirċeviha. (18)
(a) Explain at length **THREE** effects that Baptism leaves on those who receive it.
(b) Iddeskrivi x'rabta hemm bejn il-Magħmudija u l-Girżma tal-Isqof. (10)
(b) Describe the connection between the Baptism and the Confirmation.
(ċ) Spjega:
(c) Explain:
  (i) kif iż-żgħażagħ Insara għandhom jgħixu l-Magħmudija fl-ambjenti differenti li jkunu fihom. (12)
  (i) how young Christians should live their Baptism in the different environments in which they reside.
  (ii) kif Ġesù jgħin liż-żgħażagħ Insara jagħmlu dan. (10)
  (ii) how does Jesus help young Christians to accomplish this.

**(Total: 50 marka) (Total: 50 marks)**

5. "Alla nnifsu hu komunjoni: it-tliet Persuni tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu jgħixu sa minn dejjem u għal dejjem f'għaqda perfetta bejniethom. U hu propju dan il-misteru taż-Żwieġ: miż-żewġ għarajjes miżżewġa Alla jagħmel ħajja waħda."

*(Papa Franġisku, Udjenza Ġenerali, 2 ta' April, 2014)*

"Indeed, God is communion too: the three Persons of the Father, the Son and the Holy Spirit live eternally in perfect unity. And this is precisely the mystery of Matrimony: God makes of the two spouses one single life."

*(Pope Francis, General Audience, 2 ta' April 2014)*

(a) Spjega:
(a) Explain:
  (i) kif iż-Żwieġ Nisrani jgħin lill-bnedmin jgħixu l-imħabba li huma maħluqa għaliha. (12)
  (i) how the Christian Marriage helps people live the love they were created for.
  (ii) kif il-miżżewġin jgħixu l-indissolubbiltà, il-fedeltà u l-unità fiż-żwieġ tagħhom. (12)
  (ii) how the spouses live the indissolubility, fidelity and unity in their marriage.
(b) Min jagħżel li ma jiżżewwiġx għas-Saltna t'Alla, jista' wkoll jgħix il-komunjoni tat-Trinità. Spjega. (14)
(b) Whoever chooses not to marry for the Kingdom of God, can also live the communion of the Trinity. Explain.
(ċ) L-Insara kif jistgħu jippreparaw lilhom infushom għall-ħajja miżżewġa? (12)
(c) How can Christians prepare themselves for married life?

**(Total: 50 marka) (Total: 50 marks)**

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
MATRICULATION AND SECONDARY EDUCATION CERTIFICATE
EXAMINATIONS BOARD

L-Università ta' Malta

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SECONDARY EDUCATION CERTIFICATE LEVEL**
**SESSJONI PRINĊIPALI 2024/2024 MAIN SESSION**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT/SUBJECT: | **IT-TAGĦLIM RELIĠJUŻ/RELIGIOUS KNOWLEDGE** |
| KARTA NUMRU/PAPER NUMBER: | IIB |
| DATA/DATE: | 25 ta' Mejju 2024/25th May 2024 |
| ĦIN/TIME: | mill-4:00 p.m. sas-6:05 p.m./4:00 p.m. to 6:05 p.m. |

Din il-karta għandha 60% tal-marki kollha tal-eżami. Tista' twieġeb bil-Malti **JEW** bl-Ingliż. Wieġeb **GĦAXRA** minn dawn l-erbatax-il mistoqsija f'forma ta' paragrafu. Kull mistoqsija għandha 15-il marka minn total ta' 150.
This paper carries 60% of the global mark of the exam. You can answer **EITHER** in Maltese **OR** in English. Answer **TEN** from these fourteen questions in paragraph form. Each question carries 15 marks out of a total of 150.

1. (a) Ir-Reliġjon tagħtik tweġiba bis-sens għall-ħajja bis-sens. Spjega. (7)
   (a) Religion gives you a meaningful answer for a meaningful life. Explain.
   (b) Għaliex hawn persuni li ma jgħixux skont dak li jiġu mgħallma fir-reliġjon? (8)
   (b) Why are there people who do not live according to what is taught in religion?

2. Minbarra r-Reliġjon Nisranija, jeżistu reliġjonijiet oħra. Semmi **TLIETA** u ddeskrivi fuq **kull** waħda li ssemmi. (15)
   Besides the Christian Religion, there are other religions. Name **THREE** and describe **each** one you name.

3. In-Nisrani, b'liema atteġjament għandu jersaq lejn il-Bibbja? (15)
   With what attitude should the Christian approach the Bible?

4. Xi ġralu l-bniedem wara li waqa' fid-dnub? (15)
   What happened to the human being after falling into sin?

5. Mosè wieġeb għas-sejħa ta' Alla.
   Moses responded to God's call.
   (a) X'talbu jagħmel Alla lil Mosè? (9)
   (a) What did God ask Moses to do?
   (b) Kif jistgħu l-Insara jixbħu lil Mosè? (6)
   (b) How can Christians be like Moses?

6. Alla bagħat lil Ġesù biex jurina kemm iħobbna. Semmi u spjega **TLIET** eżempji li bihom turi l-imħabba kbira li wera Ġesù lejn dawk ta' madwaru, kemm bi kliemu u, iktar minn hekk, b'għemilu. (15)
   God sent Jesus to show us how much he loves us. Mention and explain **THREE** examples that show the great love that Jesus showed to those around him, both with his words and, more importantly, with his actions.

***Jekk jogħġbok aqleb wara / Please turn the page.***

© The MATSEC Examinations Board reserves all rights on the examination questions in all examination papers set by the said Board.

7. Fil-Kredu nistqarru li l-Knisja hija Waħda, Qaddisa, Kattolika u Appostolika. Spjega **TNEJN** minn dawn il-karatteristiċi tal-Knisja fid-dettal. (15)
In the Creed we confess that the Church is One, Holy, Catholic and Apostolic. Explain **TWO** of these characteristics of the Church in detail.

8. (a) Irrakkonta l-ġrajja li fiha Ġesù ħafer lill-mara l-adultera. (10)
(a) Recount the event in which Jesus forgave the adulterous woman.
(b) X'ried jgħallimna Ġesù minn din il-ġrajja? (5)
(b) What did Jesus want to teach us from this event?

9. Għaliex nirreferu għal Ġesù bħala l-Ħaruf tal-Għid? (15)
Why do we refer to Jesus as the Paschal Lamb?

10. Tliet żgħażagħ kienu qed jitkellmu fuq il-karriera tagħhom u jisfidaw lil xulxin min minnhom se jikseb l-ogħla suċċess. Norbert semma li jrid isir avukat ħalli jkun jista' jagħmel ħafna flus u jikseb suċċess billi jissemma fil-media bħala wieħed mill-aqwa avukati li jirbaħ il-każijiet ġewwa l-qorti. Andrew beda jgħid li se jieħu karriera ta' 'fitness trainer' u beħsiebu jibni fiżiku li jattira l-attenzjoni tat-tfajliet u jikseb suċċess għax ħafna jibdew jammiraw id-dehra tiegħu. Enrico, b'umiltà sħiħa, tenna li l-isbaħ u l-ogħla suċċess se jiksbu billi jimita lil Ġesù.
Three teenagers were talking about their career and challenging each other which one of them will achieve the highest success. Norbert mentioned that he wants to become a lawyer so that he can make good money and become successful by being mentioned in the media as one of the best lawyers who wins cases in court. Andrew began to say that he will take a career as a fitness trainer and intends to build a physique that will attract the attention of woman and achieve success because many will begin to admire his appearance. Enrico, with complete humility, reiterated that he will achieve the best and highest success by imitating Jesus.
(a) Għalfejn il-flus, il-popolarità, u l-attenzjoni m'għandhomx ikunu l-iktar affarijiet importanti fil-ħajja? (3)
(a) Why shouldn't money, popularity, and attention be the most important things in life?
(b) X'tip ta' suċċess kiseb Ġesù? (5)
(b) What kind of success did Jesus achieve?
(c) X'se tagħmel biex int, bħal Ġesù, tikseb dan is-suċċess? (7)
(c) What will you do so that you, like Jesus, achieve this success?

11. Spjega għaliex il-Knisja ma taqbilx mal-ewtanasja. (15)
Explain why the Church does not agree with euthanasia.

12. "Minflok jagħti sehmu bħala koperatur ma' Alla fil-ħidma tal-ħolqien, il-bniedem qiegħed lilu nnifsu minflok Alla u spiċċa qajjem irvell fin-natura; minflok imexxiha, qiegħed jaħkimha bħala tirann."

*(Centesimus Annus par 37)*

"Instead of carrying out his role as a co-operator with God in the work of creation, man sets himself up in place of God and thus ends up provoking a rebellion on the part of nature, which is more tyrannized than governed by him."

*(Centesimus Annus par 37)*

Ikteb dwar **TLIET** nuqqasijiet li l-bnedmin qed iwettqu u li bihom qed jeqred l-ambjent, u għid x'jista' jsir biex nieħdu ħsieb l-ambjent. (15)
Write about **THREE** shortcomings that humans are committing and as a result, are destroying the environment, and say what can be done so that we take care of the environment.

13. Ħaddiema f'kumpanija partikolari ffaċċjaw tirannija minn Victor Drake, il-persuna li tħaddimhom. Imxebbgħa bi sfruttament bla waqfien, Emma ġabret lill-kollegi tagħha għall-bidla. Flimkien, iffaċċjaw il-kundizzjonijiet oppressivi u talbu paga ġusta u sigħat diċenti. It-talba kollettiva tagħhom rebħet u ġiegħlu lil Drake jikkonċedi. Ir-rebħa xeħtet raġġ fuq id-drittijiet tal-ħaddiema u ispirat il-bidla.
Workers at a particular company faced tyranny from, Victor Drake, their employer. Fed up with relentless exploitation, Emma rallied her colleagues for change. Together they confronted the oppressive conditions, demanding fair pay and decent hours. Their collective plea triumphed, compelling Drake to concede. The victory ignited a beacon of workers' rights, inspiring a paradigm shift.

(a) X'nitgħallmu mill-istorja ta' Emma u l-ħaddiema fil-ġlieda kontra l-inġustizzja? (3)
(a) What lessons can be learned from the story of Emma and the labourers in standing up against injustice?
(b) Matul is-snin, il-Papiet semmgħu l-opinjonijiet tagħhom u kitbu enċiklići biex jiddefendu d-dinjità tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol. Ikteb dwar **TLIET** dmirijiet li għandhom il-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol. (12)
(b) Over the years, the Popes voiced their opinions and wrote encyclicals to defend the dignity of workers in the workplace. Write about **THREE** duties that workers have in the workplace.

14. Semmi u spjega ż-**ŻEWĠ** għanijiet fiż-żwieġ Nisrani. (15)
Name and explain the **TWO** aims in Christian marriage.